MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru 350/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR CLIFTON PULIS**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**MAURIZIO MANGION**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Maurizio Mangion, ta' 50 sena, iben Lorenzo u Carmela nee' Bonnici, imwieled Zejtun fid-29 ta' Gunju 1957, residenti gewwa '61', Triq Joseph Stivala, Paola u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 468757(M);

Illi huwa akkuzat talli fl-17 ta' April 2008 u fix-xhur ta' qabel fl-inhawi ta' Malta b'diversi atti maghmulin mill-hati cioe Maurizio Mangion, ukoll jekk fiz-zminijiet differenti,

jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) B'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lil awtur tar-reat cioe' Peter Borg, fl-atti li bihom ir-reat gie ppreparat jew ikkunsmat;
b) Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 23.29 Ewro (Lm10) u anqas minn 232.94 Ewro (Lm100);
c) Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ghamel xi qliegh iehor b'qerq bi hsara ta' haddiehor liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 23.29 Ewro (Lm10) u anqas minn 232.94 Ewro (Lm100);
d) Talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi permezz ta' uzin jew kejl falz qarraq lill-haddiehor fuq il-kwantita' t'oggetti moghtijin b'titolu oneruz liema qliegh jammonta ghall-aktar minn 23.29 Ewro (Lm10) u anqas minn 232.94 Ewro (Lm100).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tat-26 ta' Novembru 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali Pulizija vs. Peter Borg deciza fit-18 ta’ Gunju 2008;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur jirrizulta illi l-Pulizija rceviet diversi rapporti anonimi illi f’Haz-Zabbar f’diversi *garages* maghrufa bhala tal-Lajlaj kienu qeghdin jitqassmu cilindri tal-gas b’certu nuqqasijiet u li l-Pulizija ghaldaqstant ghamlet inspezzjoni f’dan il-*garage* fejn instabu zewg trakkijiet mghobbija bi kwantita’ kbira ta’ cilindri tal-gas, u bi kwantita’ ta’ cilindri tal-gas stivati fuq il-parti ta’ wara ta’ l-istess *garage*. F’dan il-*garage* instabu wkoll Peter Borg u l-imputat, Maurizio Mangion.

Il-Pulizija u cioe PC 1299, PC 630 u PC 326 ordnaw lil dawn iz-zewg persuni johorgu ‘l barra minhabba riha ta’ gas qawwija illi kien hemm fl-istess *garage*. Gie stabbilit illi Peter Borg kien distributur tac-cilindri tal-gas. Gie msejjah l-Enginier Mario Magri mill-Enemalta biex jiccekja l-kwoti illi kellu Peter Borg u jiccekja dwar irregolaritajiet, stante li kien hemm ammont konsiderevoli ta’ sigilli tac-cilindri tal-gas maqtugha fl-istess *garage*, flimkien ma’ kwantita’ ta’ sigilli godda go l-istess fond. Il-Pulizija sabu prezenza ta’ evidenza li kien qed isir bottiljar tal-gas f’dan il-*garage*. Issejhet inkjesta u ttiehdu passi kriminali kontra z-zewg persuni b’mod separat.

L-Ufficjal Prosekutur xehed illi f’dan il-*garage* instabu ukoll tlett imwiezen imwahhlin b’mod fiss mal-hajt ta’ l-istess *garage*, liema mwiezen, skond ir-regolamenti ta’ l-Enemalta, id-distributuri huma tenuti illi jgorru maghhom fir-rondi ta’ distribuzzjoni taghhom. (ara xhieda ta’ l-Ispettur Pulis fol.15 et seq.)

Spettur Fabian Fleri (fol.18 et seq.) ikkonferma x-xhieda ta’ l-Ispettur Pulis u xehed li nstabu 721 cilindru li minnhom kien hemm 77 li kienu vojta, ‘il fuq minn elf (1,000) sigill miksur u ftit aktar minn tlett mitt (300) sigill gdid. Spettur Fabian Fleri ezebixxa l-istqarrija ta’ l-imputat (Dok.FF a fol.23 et. seq.) li stqarr illi l-imputat, Maurizio Mangion, qal li kien imur ghand Peter Borg biex jghinu jhott ic-cilindri tal-gas. L-imputat stqarr illi Borg qallu illi c-cilindri kienu johorgu mill-fabbrika mimlijin aktar milli suppost u li Borg kien jiehu zzejjed taghhom, ibattlu f’cilindri vojta li jkunu fil-pussess tieghu u jbieghhom. L-imputat qal illi Borg kellu dan il-*garage* almenu ghal tlett xhur qabel id-data ta’ l-incident. Mangion stqarr illi ra din l-attivita’ da parti ta’ Peter Borg f’zewg okkazzjonijiet fil-gimgha precedenti ghall-arrest tieghu. Mitlub jispjega dan il-process ta’ ibbottiljar ta’ cilindri tal-gas, l-imputat Maurizio Mangion (a fol.24), jispjega fid-dettal il-process shih li kien jaghmel Peter Borg biex jiehu l-gas minn cilindri mimlija u mahruga mill-korporazzjoni u kif kien jimlihom f’cilindri vojta li kienu fil-pussess tieghu. Mangion stqarr illi Borg kien jiehu minn kilo sa tlett kilos gas minn kull cilindru. Wara dan il-process, l-imputat stqarr li Peter Borg kien jerga’ jqieghed sigilli godda fuq ic-cilindri tal-gas li jkun baghbas.

Spettur Jesmond Micallef ikkonferma l-prezenza tieghu waqt l-istqarrija ta’ l-imputat Maurizio Mangion.

Vincent Ciliberti, Espert nominat fl-inkjesta, ikkonferma r-relazzjoni tieghu (a fol.29).

PC 826 Parnis ezebixxa tnax (12)-il ritratt (Dok.P1 sa Dok.P12).

PC 630 (a fol.40 et. seq.) ikkonferma l-prezenza tieghu fit-tfittxija tal-*garage* fejn gie misjub Peter Borg u l-imputat Maurizio Mangion u dak kollu illi gie misjub fl-istess *garage*.

A fol.42 et. seq. l-Enginier Mario Magri, ta t-testimonjanza tieghu, kkonferma x-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur ghal dak illi jirrigwarda dak kollu illi instab fil-*garage* ta’ Peter

Borg u kkonferma li l-istess Peter Borg kien distributur licenzjat mill-Malta Resources Authority. Ikkonferma l-prezenza ta' kwantita' ta' sigilli maqtugha u barmil b'sigilli intatti u godda. Ikkonferma l-prezenza ta' l-imwiezen li kienu mwahhlin mal-hajt tal-garage imsemmi u l-obbligu tad-distributur illi jzomm mizien fit-trakk waqt id-distribuzzjoni. L-Enginier Magri, mistoqsi dwar il-prezenza ta' sigilli intatti f'idejn id-distributur, xehed illi s-sigilli jithallew accessibli ghad-distributuri tal-gas, stante' li xi minn daqqiet dawn is-sigilli tat-tankijiet tal-gas mimlija jinqalghu ghalhekk id-distributur ikollu jerga' jirrimpjazzahom. A fol.46, l-Enginier Mario Magri, kkonferma illi wara li wiznu c-cilindri tal-gas kollha prezenti fil-*garage*, sabu li kien hemm biss disgha (9) minnhom illi kellhom il-piz stabbilit mir-regolamenti u li l-ohrajn kollha kienu nieqsa fil-piz.

Fil-kontro ezami, l-Enginier Mario Magri stqarr illi l-gas jiswa 22 euro cents-il kilo.

Peter Borg (a fol.50) ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax lilu nniffsu.

PC 1299 ikkonferma x-xhieda ta' PC 630 (a fol.58 et seq.)

Gie ezebit (a fol.64) il-fotokopja tal-process verbal redatt minn Dr. Giovanni Grixti.

Dr. Ciliberti (a fol.138) ikkonferma r-relazzjoni tieghu ezebita tal-process verbal waqt li PC 326 ikkonferma x-xhieda ta' l-Ufficjali Prosekuturi. (a fol.140 et seq.)

PS 46 Casha kkonferma l-prezenza tieghu fil-*garages* tal-Lajlaj waqt it-tfittxija.

Charles Buttigieg (a fol.155) ikkonferma illi l-imputat ma kienx registrat bhala distributur jew importatur tal-gas mal-Malta Resources Authority.

Peter Borg, waqt il-proceduri kriminali kontra tieghu ghazel illi jixehed f'din il-kawza wara illi inghata l-*caution* u kkonferma li l-imputat kien gie fil-*garage* tieghu sabiex

jaghtih daqqa t'id, u dan minghajr hlas il-ghaliex dak iz-zmien l-imputat, Maurizio Mangion, kien disokkupat u dan kien qed jaghmlu il-ghaliex Peter Borg kien wegga' rkopptu u ma setghax jerfa'. Peter Borg ikkonferma li l-imputat, Maurizio Mangion, kien gie jghinu erba' (4) darbiet fl-istess gimgha precedenti ghat-tfittxija. Peter Borg xehed illi c-cilindri tal-gas johorgu mill-fabbrika b'piz ta' bejn wiehed u ghoxrin (21) u sebgha u ghoxrin (27)-il kilo.

L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa (Dok.GBX) sentenza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, Pulizija vs. Peter Borg u li giet ezebita kopja formali ta' l-istess sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-kumpless tax-xhieda jirrizulta, anka b'mod ampju, illi Peter Borg, bl-ghajnuna ta' l-imputat Maurizio Mangion, kien qieghed jiehu ammont ta' gas minn cilindri tal-gas hergin mill-korporazzjoni ta' l-Enemalta, jimla' dan il-gas f'cilindri vojta fil-pussess tieghu u jbieghhom wara li jerga' jqieghed fuqhom sigilli godda illi kienu *readily available* mid-Depot tad-Distribuzzjoni tal-Gas. Illi mix-xhieda jidher illi l-attivita' ta' l-imputat, Maurizio Mangion, kienet wahda minima u li l-ammont ta' gas effetivament mehud illegalment minnu kien wiehed baxx ferm u cioe anqas minn mitt Lira Maltija.

Il-Qorti rat id-decizjoni mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq l-awtur principali ta' dan id-delitt u cioe Peter Borg, li nghata sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena u multa. Tajjeb illi jinghad illi dik il-Qorti ma sabitx l-imputat Peter Borg hati ta' truffa jew ir-reat ta' uzu ta' uzin jew kejl falz.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak ritenut f'dik is-sentenza, u dan japplika b'mod shih ghall-imputat Maurizio Mangion:

***“Fil-fehma ta’ din il-Qorti la jirrizulta r-reat ta’ frodi b’eghmil qarrieqi ghax ma tirrizultax il-messa in scena fil-konfront tal-konsumaturi li ex admissis xtraw minnghand l-appellant u lanqas ma jirrizulta r-reat ta’ uzu ta’ uzin jew kejl kontemplat fl-Artikolu 307 ghax il-qerq perpetwat ma sarx bl-uzu ta’ uzin jew kejl falz waqt li  qed isir il-bejgh.”***

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jidher provat bla dubju dettat mir-raguni, il-komplicita’ da parti ta’ l-imputat Maurizio Mangion ma’ Peter Borg fir-reat ta’ frodi innominat kontemplat fl-Artikolu 309:

***“Whosoever shall make, to the prejudice of any other person, any other fraudulent gain not specified in the preceding articles of this sub-title, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from one to six months or to a fine (multa).”***

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputat, Maurizio Mangion, hati ta’ l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza, mhux hati tat-tieni (2) u r-raba’ (4) akkuza, li minnhom tilliberah u wara li rat l-Artikolu 309, 42 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat ghal kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------